# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ħamis, 27 ta' April 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 44/2021 BS**

**Carmelo Attard; Josephine Ellul; Emanuel Attard; Victor Attard; Elizabeth Elkhiate; Joseph Sacco; Giorgina Sacco; Marthese Mizzi; Sonia Maria Xuereb; Paul Ciappara; Josephine Azzopardi; Angela Grima u Maryanne Ciappara**

**–vs–**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. ILLI l-esponenti huma lkoll legatarji tal-mibki Anthony sive Anton Feliċ Attard u dan skont l-aħħar testament tal-istess Anthony sive Feliċ Attard redatt

min-Nutar Dottor Enzo Refalo tad-9 ta' Marzu 2018 fil-11:15am. Kopja tat-testment jinsab mehmuż u mmarkat bħala DOK "CA 1";

2. ILLI l-istess testament jappunta lill-konvenut Joseph Attard bħala eżekutur testamentari, kif ukoll bħala eredi universali wara li jitqassmu l-bosta legati li ħalla l-mibki Anton Feliċ Attard skont l-istess testment;

3. ILLI l-legatarji hawn esponenti tħalla lilhom b'titolu ta' legat f'żewġt istanzi permezz tal-Artikoli tmienja u għaxra tal-istess testament;

4. ILLI l-artikolu tmienja tat-testament su-ċitat, it-testatur jelenka li qed iħallu bħala legat lit-tfal ta' oħtu l-mejta Rita Ciappara u allura l-esponenti f'din il-kawża lil Maryanne Ciappara, Pawlu Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb u Angele Grima s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) kull wieħed, lit-tfal tal-mejjet ħuh Feliċ Attard, ergo' l-esponenti Charles Attard, Josepine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard u Elizabeth Elkhiate s-somma b'legat ta' tlett elef ewro kull wieħed (€3,000), lit-tfal ta' oħtu Carmela Sacco ergo' l-esponenti Joseph Sacco, Marthese Mizzi u Giorgina Sacco s-somma ta' tlett elef ewro kull wiehed (€3,000). It-testatur fl-istess Artiklu jħalli b'legat lit-tfal tal-eżekutur li iżda ma humiex parti f'din il-kawża odjerna;

5. ILLI permezz tal-istess testament hawn mehmuż t-testatur iħalli b'legat ieħor, kwalunkwe flus u investimenti li jibqa' wara li jiġu mħallsa l-legati kollha msemmija fl-artikoli preċedenti, in kwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil oħtu Nina Attard li mhux parti f'din il-kawża, in kwantu għall-parti minn

ħamsa indiviża (1/5) lil oħtu Carmela Sacco bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha, liema Carmela Sacco mietet u allura s-sehem huwa dovut lill-esponenti Joseph Sacco, Marthese Mizzi u Giorgina Sacco, in kwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil ulied l-mejta oħtu Rita Ciappara u allura lill-esponenti Maryanne Ciappara, Pawlu Ciappara, Josephine sive Joyce Azzopardi, Sonia Maria Xuereb u Angele Grima, , [sic] in kwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lil ulied Feliċ Attard, ergo' l-esponenti Charles Attard, Josephine Ellul, Emmanuel Attard, Victor Attard u Elizabeth Elkhiate, in oltre [sic] t-testatur ħalla in kwantu għall-parti minn ħamsa indiviża (1/5) lill-konvenut Joseph Attard bis-sostituzzjoni vulgari ta' wliedu;

6. ILLI wara l-mewt tal-mibki Anthony sive Anton Feliċ Attard, l-eżekutur tramite n-Nutar Josianne Mifsud u d-dokument mehmuż u mmarkat bħala Dok "CA 2" ried jgħaddi lil-legatarji hawn esponenti l-ammont li t-testatur ħalla lill-legatrji [sic] skont l-Artiklu tmienja biss tat-testment u dan mingħajr ma ta' [sic] ebda rendikont tal-assi li kellu t-testatur sabiex l-legatarji jkunu mgħarrfa u jkollhom l-informazzjoni li l-legat imħolli lilhom qed jiġi mqassam skont x-xewqa tat-testatur;

7. ILLI sussegwentament l-esponenti interepellaw permezz ta' bosta ittri bonarji u anke ittra uffiċjali sabiex jagħti rendikont ta' kif l-eżekutur wasal għas-somma minnu indikata li bażikament kienet biss s-somma msemmija fl-artikolu tmienja tat-testment;

8. ILLI l-konvenut u l-eżekutur tat-testment baqa' jirrifjuta li jagħti rendikont tal-assi li kellu l-mibki

Antin Feliċ Attard u minflok beda jgħid li l-esponenti għandhom r-rgħiba u li ma huma kunenti b'xejn. L-eżekutur hawn esponenti dejjem irrifjuta li jagħti l-informazzjoni neċessarja jew inkella ta' nofs informazzjoni;

9. ILLI sussegwentament [i]l-konvenut Joseph Attard ippreżenta sensiela ta' ċedoli ta' depożitu b'ammonti differenti fil-konfront tal-esponenti. Illi fl-istess ċedoli hemm somma verjuri għal dak li ġie offrut lill-esponenti u liema somma la qatt ġiet offruta lill-esponenti u wisq anqas ingħata rendikont u b'hekk l-istess ċedoli huma intempestivi u abbużivi;

10. ILLI għalhekk l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jintavolaw din il-kawża odjerna;

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tistabillixi l-ġid kollu li kellu t-testatur Anthony sive Anton Feliċ Attard fil-mument ta' mewtu u tordna anke permezz ta' perit nominat mill-istess Qorti li jsir rendikont ta' kif kellu jitqassam il-ġid tat-testatur skont l-legati msemmija;

2. Tordna lill-konvenut iħallas l-imsemmija legati lill-esponenti skont it-testment tat-testur Anthony sive Anton Feliċ Attard f'terminu perentorju, hekk kif stabbilit mill-istess Onorabbli Qorti u skont r-rendikont tal-ġid li kellu t-testatur u skont il-legati msemmija fl-istess testament;

3. Tordna l-konvenut iħallas l-imgħaxijiet fuq is-somma stabbilità li trid tingħata skont [i]l-legat imħolli lilhom, mid-data tal-preżentata taċ-ċedoli ta' depożitu li intavola l-konvenut intempestivament;

4. Tistabillixi li ċ-ċedoli ta' depożitu li intavola l-konvenut testatur Joseph Attard huma intempestivi u allura kull spejjeż marbuta mal-istess ċedoli ta' depożiti għandhom jiġu sopportati mil-istess konvenut;

5. Tordna il-likwidazzjoni ta' danni arbitrio boni viri fil-konfront tal-esponenti stante d-danni minnhom sofferti għax l-konvenut ma wettaqx dmiru u ta' rendikont tal-ġid li kellu t-testatur.

Bl-ispejjeż.

**Rat** ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Mejju, 2021;[1]

**Rat** li dan ir-rikors inġab a konjizzjoni tal-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2021 u ġie appuntat għas-smigħ għas-7 ta' Ottubru, 2021;[2]

**Rat** li li sar tentattiv ta' notifika tal-konvenut bir-rikors ġuramentat u l-atti fl-14 ta' Ġunju, 2021, però l-putier iddikjara li ma fetaħ ħadd;

**Rat** li sar tentattiv ta' notifika fit-2 ta' Settembru, 2021, però l-konvenut ma ġiex notifikat. Fir-referta ma hemmx indikat li l-attur jew il-legali tiegħu ġew infurmati b'dan;

**Rat** li l-attur Carmelo Attard ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ fit-3 ta' Awwissu, 2021;

**Rat** il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-atturi li l-konvenut kien għadu ma hux notifikat;

---

[1] A fol. 1 sa fol. 7 tal-proċess.
[2] A fol. 14 tal-proċess.

**Rat** li fit-3 ta' Diċembru, 2021 l-atturi talbu li ssir notifika wara l-ħin legali u jekk tirriżulta fin-negattiv issir bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni;

**Rat** li fil-31 ta' Jannar, 2022 il-purtier iddikjarat li ma nnotifikatx lill-konvenut għax «ma fetaħ ħadd» u li infurmat b'dan lil-legali tal-atturi;

**Rat** li fil-15 ta' Frar, 2022, il-Qorti diversament ippreseduta iddikjarat illi l-kawża kienet ser tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta;[3]

**Rat** li fl-4 ta' Marzu, 2022, il-konvenut għalkemm kien għadu ma hux notifikat bl-atti intavola rikors fejn filwaqt li attira l-attenzjoni tal-Qorti li huwa kienu għadu ma hux notifikat bl-atti, jgħid ukoll li t-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur sabiex jingħalqu l-proċeduri bil-miktub ai termini tal-Artikolu 963(3) kien skada u għalhekk talab lill-Qorti tiddikjara l-kawza bħala deżerta;

**Rat** li fl-24 ta' Ġunju, 2022, il-Qorti b'digriet tal-istess ġurnata akkordat lill-atturi l-fakultà illi jinnotifikaw lill-konvenut permezz tal-proċedura ta' publikazzjoni u affissjoni. Dakinhar stess il-kawża ġiet differita biex issir in-notifika bil-proċedura msemmija;

**Rat** li fid-19 ta' Awwissu, 2022 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Novembru, 2022 saret l-affissjoni;

**Rat** ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-10 ta' Novembru, 2022;

[3] A fol. 28 tal-proċess.

**Rat** li fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2023 il-partijiet ittrattaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;

**IKKUNSIDRAT:**

**Preliminari.**

Din tal-lum hija sentenza preliminari fuq l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sollevata mill-konvenut.

Joseph Attard, il-konvenut, jisħaq illi l-proċeduri bil-miktub ma ġewx konklużi fi żmien ta' sitt (6) xhur kif provdut fl-Artikolu msemmi u billi dak it-terminu huwa wieħed perentorju, allura huwa jgħid li l-Qorti għandha tiddikjara l-kawża bħala deżerta.

Min-naħa tagħhom l-atturi jgħidu illi huma ma jaħtu xejn għad-dewmien li kien hemm fin-notifika tal-konvenut billi dan ma kienx tort tagħhom. Jgħidu li huma għamlu l-almu tagħhom biex jinnotifikaw lill-konvenut iżda dan kull darba ma kienx jiftaħ biex jieħu n-notifika. Jgħidu wkoll li fil-fatt li l-konvenut kien intavola rikors fl-4 ta' Marzu, 2022 fejn kien talab li l-Qorti tiddikjara l-kawża deżerta juri li huwa kellu għarfien sħiħ tal-kawża u għalhekk it-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa. Iżidu wkoll li d-dewmien biex jiġu notifikati l-atti huwa riżultat ta' problemi fil-Qorti, li tagħhom huma ma jaħtu xejn. Itennu li rigward id-deżerzjoni din il-Qorti diġà ddikjarat ruħha fid-digriet tal-24 ta' Ġunju, 2022 u għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

**Id-Dritt.**

L-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*«(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.*

*(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*

*(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux. Il-proċedura bil-miktub titqies magħluqa jekk il-parti li ma tkunx ġiet innotifikata b'att tidher fis-smigħ tal-kawża.*

*(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni. Jekk il-proċeduri bil-miktub ma jiġux magħluqa il-kawża titqies deżerta.*

*(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:*

*(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u*

*(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.*

*(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.»*

Jibda biex jingħad illi artikolu appena ċitat minbarra li jipprovdi dwar l-estremi li jwasslu għal dikjarazzjoni ta' deżerzjoni ta' kawża huwa provvediment statutorju ta' ordni pubbliku[4].

Skont l-Artikolu hawn ċitat, quddiem Qorti tal-ewwel grad l-proċeduri bil-miktub iridu jingħalqu f'sitt (6) xhur. Dan it-terminu jiskatta malli jiġi ppreżentat ir-rikors ġuramentat u l-liġi hija ċara fis-sens illi dan it-terminu huwa perentorju. Magħdud ma dan però l-legislatur irid ukoll illi kawża ma tiġix iddikjarata deżerta immedjatament malli jiskadi t-terminu iżda biss wara li l-parti li tingħata l-ordnijiet meħtieġa mill-Qorti f'digriet moqri fil-miftuħ, tonqos li tagħmel dak ordnat lilha u dana

[4] Av. Dr Nicolai Vella Falzon noe –vs– Car One Europe Limited et., Prim' Awla, deċiża fil-5 ta' Jannar, 2015.

billi s-sanzjoni tad-deżerzjoni hija radikali ħafna. Infatti ntqal illi «*l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond [sic] il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrativi tal-Qorti ( Ara P.A. GCD 5.11.1999 fil-kawża fl-ismijiet Dr. T. Azzopardi vs V. Aquilina et …)Illi l-Qorti tifhem ukoll li s-sanzjoni tad-deżerzjoni hija waħda radikali tal-proċess u trid titħaddem biss u safejn ikunu jgħoddu ċ-ċirkostanzi li taħtha jmisshom japplikaw.*»[5]

Fil-każ odjern il-Qorti bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilha ai termini tas-subinċiz (3) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'digriet tal-24 ta' Ġunju, 2022, tat lill-atturi ordni biex jinnotifikaw lill-konvenut permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni. Mill-atti jirriżulta li l-atturi għamlu dak ordnat tant illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll l-affissjoni. Issa huwa minnu li l-affissjoni saret f'Novembru, 2022 u allura wara li kienu għaddew sitt (6) xhur oħra mid-digriet tal-Qorti, madankollu din il-Qorti tapprezza d-diffikultajiet li qed jkollhom jaffaċċjaw l-Avukati fil-Qorti ta' Għawdex fejn jidħlu n-notifiki u għalhekk tqis illi d-dewmien ma hux riżultat li l-atturi injoraw l-ordni tagħha.

Fid-dawl ta dak kollu hawn ikkunsidrat il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna il-prosegwiment tal-kawza.

---

[5] Zammit Francis noe –vs– Almeco Limited, Prim'Awla, deċiża fil-15 ta' April 2013.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza in parte jitħallew għall-ġudizzju finali.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**